Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 26/2012

Vodafone Malta Limited

Vs.

Joseph Angelo Portelli

It-Tribunal;

Ra' l-Avviz li permezz tieghu l-kumpanija attrici tablet illi tithallas minghand il-konvenut is-somma ta' elf sitt mija u tlieta u erbghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1643.22) dovuti in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari u servizzi ohra skond ftehim iffirmat bejn il-kontendenti u dan skond fattura li giet esebita mal-avviz. Dan bl-ispejjes kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali spedita ai termini ta' l-artikolu 166 A tal-Kap 12 u tal-mandati kawtelatorji ta' sekwestru u qbid prezentati kontra l-konvenut.

Ra’ l-atti kollha tal-kawza u d-digrieti tieghu kollha.

Ra’ r-rikors ta’ Catherine Portelli ta’ l-14 ta’ Awwissu 2012

Ra in-nota tal-kumpanija attrici tat-3 ta’ Ottubru 2012 li permezz taghha cediet il-mertu u zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjes.

Ikkunsidra:-

Illi l-konvenut f’din il-kawza baqa’ kontumaci meta ma rrispondiex il-kawza bil-miktub u lanqas deher fis-seduta biex joffri kontestazzjoni ghat-talbiet attrici.

Illi b’referenza ghar-rikors ta’ l-14 ta’ Awwissu 2012, prezentat minn Catherine Portelli, it-Tribunal ma jhossx illi r-rikors huwa wiehed gustifikat ghaliex l-indirizz tan-notifika kien propju dak tar-residenza tal-konvenut, anke’ jekk dan kien ghal xi zmien temporanju assenti minn dawn il-gzejjer. Fil-fatt jirrizulta illi huwa mhux biss irritorna lura izda gie a konjizzjoni ta’ l-avviz tat-talba u anke’ hallas is-sorte. Ghalhekk it-Tribunal jichad it-talba kontenuta fir-rikors ta’ Catherine Portelli ta’ l-14 ta’ Awwissu 2012

Illi l-konvenut kontumaci hallas is-sorte kollu. Naqas pero’ minn li jhallas l-ispejjes. Il-hlas tas-sorte jekwevali ghall-ammissjoni tacita tal-kawza. Tali agir kombaccjat mal-kontumacja tal-konvenut jiggustifika t-talba attrici ghall-kundanna ta’ hlas ta’ l-ispejjes gudizzjarji.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi jastjeni minn li jiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------